# Demm li ma jiġbidx

Traduzzjoni tal-poeproża *Two Sisters* (II) ta' Lydia Davis

Daniel Cossai

*"Il-għaliex meta jkun hemm żewġt aħwa, bilfors li waħda minnhom tkun iktar kerha u goffa mill-oħra, waħda anqas jilħqilha, l-oħra anqas bil-għaqal." –* ***Lydia Davis***

***I***

Iż-żgħira, imxebbgħa fil-ħanut, ġebbdet idha u daqqet il-qanpiena. Il-kbira dlonk tfaċċat fit-taraġ u bdiet nieżla bil-mod il-mod biex tistaqsi liż-żgħira għalfejn kienet ċemplet.

Sempliċi: biex taraha nieżla. Għax tant hi ħoxna u tant timxi bil-mod li t-tarġiet jingħu u jwerżqu biex jifilħu l-piż tagħha; għax it-taraġ tinżlu nifisha maqtugħ, idha u l-poġġaman ħaġa waħda, bħallikieku kien id il-pa meta kienet għadha qed timraħ timxi; koxxa mbaċċa tħabbat ma' koxxa mbaċċa. Għaż-żgħira dan kollu divertenti; jaqta' ftit mill-monotonija ta' filgħodu.

Minn dan ma tlissen xejn. Lil oħtha tgħidilha biss, "Hawn żball fiċ-ċifri tal-bieraħ." Imma ddurhom kemm iddurhom drabi, ovvjament il-kbira ma ssibux l-iżball. Bilkemm setgħet iċċaqlaq spallejha f'libsitha ssikkata li qajla kienet għadha tiġiha hi u tipprova tara, u għekiesha ntefħu ġmielhom wara tant ħin bilwieqfa.

Iż-żgħira ma setgħetx tidħak biha spiss wisq b'dan il-mod, għax inkella kienet tinqabad. Imma dan kien biss iżidilha l-eċitament.

### *II*

L-aħwa kibru. Ma kellhomx għażla ħlief li jibqgħu jorqdu fl-istess sodda. Billejl joħolmu ħolm differenti u filgħodu jaħbuh minn xulxin. Kultant jolqtu lil xulxin bi żball u jinġibdu lura sparati bħallikieku nstamtu. Bilkemm jorqdu u xejn ma jħossuhom mistrieħa kif jisbaħ. Waħda tqum kmieni, tmur sat-toilet, imbagħad tixtieq tkompli torqod. Imma x'gost kien fiha li tmur lura f'dik l-għadira ta' sodda b'oħtha mixħuta fuqha bħal baqra tegħreq bla heda bis-sħana tal-bidu tas-sajf?

### *III*

Kuxxtejn oħti l-veru ċangaturi. Il-patatiet erħilha tiblagħhom waħda wara l-oħra bħallikieku ħosbiena li minn mument għal ieħor se jirvellaw, bħallikieku kienu l-Poplu tagħha. Le, din x'passjoni hi li għandha? Nitkexkex nara dik il-ħarsa s-soltu dejjem qisha fil-qamar tiffoka f'daqqa meta jitpoġġa quddiemi l-platt tal-ikel. Nibża' li se taħtaf mhux biss l-ikel iżda lili u l-povra ħajti miegħu. Ħdejn id-daħqa tagħha, tiegħi qisha t-tpespisa t'għasfur qalb il-liedna. Insomma, dik qatt ma tidħaq. Jien qatt ma nidħaq. Imma s-skiet tagħha tant huwa aqwa minn tiegħi li tiegħi qisu ħarira duħħan taħt sħaba xita.

### *IV*

Għodwa waħda ż-żgħira ċapċpitilha waħda fuq ħaddha lill-kbira. Kienet frustrata u mxebbgħa bil-monotonija ta' ħajjitha. Iddispjaċieha mill-ewwel. Mhux għax weġġgħet lil oħtha, li baqgħet qisha statwa bix-xokk, idha fuq ħaddha u l-kappell jirrombla mal-art. Le, xejn minn dan, imma għax issa oħtha kienet se tagħmel seklu tnewwaħ u tingħi, għax kienet se ddum sejra biha xhur sħaħ u liż-żgħira kienet se twaqqgħalha wiċċha l-art u tirrabjaha. Riedet iċċekken lil oħtha b'xi mod, jew anki ġġibha fix-xejn, u minflok kienet kabbritha b'dinjità ġdida.

### *V*

Ġixt aħwa, qishom tal-ġebel, ma jitkellmux. Ma jaqblu f'xejn ħlief f'min ġabhom fid-dinja. Waħda tqum kmieni u l-oħra tard; waħda

ma tiekol xejn li ġej mill-annimali u l-oħra ara ma ssemmilhiex whole grains; waħda jaħkimha raxx fis-sajf u l-oħra allerġika għas-suf; waħda ma tersaqx lejn iċ-ċinema għax tibża' li joqogħdu jittantawha u l-oħra m'għandhiex sabar toqgħod quddiem it-televixin; elezzjoni wara l-oħra l-vot ta' waħda jpatti għal tal-oħra. Jaqblu biss f'kemm ma jnižžlux lil xulxin.